MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-23 ta' Frar, 2012

Numru. 1/2012

**Il-Pulizija**
**(Spettur Spiridione Zammit)**

**vs**

**Rene' Coleiro**

Il-Qorti ;

Rat li l-imputat Rene' Coliero ta' 21 sena iben Emanuel u Maria Dolores nee' Muscat imwieled Pieta' fit-18 ta' Frar 1990 u residenti Blokk 3 Flat 6, Gebel San Martin Binja Minzel Indipendenza Zejtun u detentur ta' karta tal-identita' numru 101990(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

Nhar il-21 ta’ Novembru 2011 f’xi hin bejn 7am-11am waqt li kien gewwa l-Biccerija li tinsab fi Triq il-Princep Albert Marsa ikkommetta serq ta’ madwar 10 ewro u ikel minn Vending Machine liema serq hu ikkwalifkat bil-persuna ghad-detriment tal-Gvern ta’ Malta u Joe Micallef.

Rat l-atti kollha ta’ dan il-procediment u d-dokumenti esebiti, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 16 ta’ Dicembru 2011 (esebit a fol. 4 tal-process) sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja u decizi minn din il-Qorti.

Rat li l-imputat waqt l-ezami li sarlu fis-seduta tat-23 ta’ Frar 2012 iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat l-ammissjoni ta’ l-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta ta’ nhar it-23 ta’ Frar 2012 ghall-akkuza migjuba fil-konfronti tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, u cioe’ wara li l-imputat wiegeb li huwa hati, din il-Qorti wissietu b’mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta’ dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq sabiex jekk irid jerga’ lura minnha u kien biss wara li staqsietu it-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata ta’ l-istess imputat, l-Qorti tiddikjara li ma ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati ta’ l-akkuza kif dedotti kontra tieghu.

Ghall-finijiet ta’ piena l-Qorti ikkunsidrat il-fatt li ammetta fi stadju bikri tal-proceduri, li ghandu fedina penali netta u li kkopera fil-kors tal-investigazzjonijiet.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 261 u 269 tal-Kodici Kriminali, l-Qorti ssib lill-imputat hati tal-imputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessa u b’applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-

Ligijiet ta’ Malta, tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor sa zmien tnax(12)-il xahar millum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------